**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Appell Nru: 237/2000**

**Il-Pulizija ( Spettur David Gatt )**

**Vs**

**PETER PAUL SHEEHAN**

**Illum, 5 ta'Novembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Peter Paul Sheehan talli fit-12 ta'Settembru, 2000, fl-istadium nazzjonali f'Ta'Qali, waqt il-partita football Sliema kontra Hamrun Spartans :

1. Qal kliem oxxen fil-pubbliku jew indecenti (dagha);
2. Fixkel lis-Superintendent Raymond Zammit, persuna nkarigata minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, u b'mod iehor, bla jedd indahal fi dmiru;
3. Ikkommetta reat li bhala ufficcjal pubbliku kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 26 ta'Ottubru, 2000, li biha sabet lill-Peter Paul Sheehan hati ta' dawn l-akkuzi w kkundannatu Lm10 ammenda fuq l-ewwel imputazzjoni, u Lm25 ammenda fuq it-tieni wahda. Ma jirrizultax mis-sentenza

taghha li dik il-Qorti kkundannat lill-Peter Paul Sheehan ghal xi piena fuq it-tielet akkuza ghalkemm iddikjaratu w sabitu hati taghha.

Rat ir-rikors t'appell ta'Peter Paul Sheehan datat 30 ta'Ottubru, 2000, li bih talab li din il-Qorti thassar is-sentenza appellata w tilliberah minn kull htija w piena, u fin-nuqqas, tirriforma l-istess sentenza ghal wahda anqas oneruza in partikolari minghajr l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi skond l-ewwel u t-tieni aggravji sollevati mill-appellant, il-kwistjoni kollha hija purament wahda ta'apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti. Fil-fehma ta' l-appellant il-provi ma jwasslux sal-konvinciment rikjest mil-ligi sabiex hu jigi misjub hati tar-reati addebitati lilu taht l-ewwel u t-tieni akkuzi.

Din il-Qorti, ghalhekk, analizzat il-provi billi, wara li semghet il-provi mil-gdid, rat jekk in bazi ta' dawn il-provi, setghetx l-ewwel Qorti ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li fil-fatt waslet ghaliha. Hu biss eccezzjonalment li din il-Qorti tasal sabiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitatha mill-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet. Dan taghmlu biss jekk jirrizultalha li l-ewwel Qorti interpretat il-ligi b'mod skorrett jew jekk tkun ghamlet apprezzament tal-provi manifestament hazin li in bazi tieghu ma setghetx ragjonevolment u legalment tikkonkludi kif ikkonkludiet.

Minn dan kollu f'dan il-kaz in ezami ma jirrizulta xejn. L-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti kien wiehed regolari, skond il-ligi, u din il-Qorti ma ssib ebda raguni l-ghaliex ghandha titbieghed minn dak li ddecidiet l-ewwel Qorti kemm ghal dak li hu l-meritu kif ukoll ghal dik li hi l-piena pekunjarja nflitta. Ghalhekk l-ewwel u t-tieni aggravji ta' l-appellant huma michuda.

Dwar it-tielet aggravju ta' l-appellant, dan ma jinftiehmx. Hu qed jghid li l-Artikolu 141 tal-Kap. 9 ma setghax jigi applikat f'dan il-kaz mill-ewwel Qorti l-ghaliex hu kien akkuzat biss bi kontravvenzjonijiet. Hu jghid li dan l-Artikolu ma japplikax f'kaz ta'kontravvenzjonijiet.

Dan xejn ma hu hekk. Dan l-Artikolu ma jeskludiex l-applikazzjoni tieghu anke f'kaz ta' kontravvenzjonijiet. Fil-fatt dan l-Artikolu jitkellem fuq ir-reat kommess minn ufficcjal pubbliku li minhabba x-xoghol tieghu hu obbligat li jara li reati ma jigux imwettqa w fil-fatt jonqos minn dan l-obbligu. Fil-fatt kull ma jghid dan l-Artikolu hu li f'kazijiet simili, stante li l-hati jkun ufficcjal pubbliku, allura l-piena ghal dan ir-reat kommess minnu tigi mizjuda bi grad.

Dwar is-sottomissjoni ta' l-appellant li dan l-Artikolu ma japplikax fil-kaz tieghu ghaliex hu akkuzat biss b'kontravvenzjonijiet, jigi rilevat li dan l-Artikolu 141 tal-Kap. 9 jitkellem dwar reat jew reati. Issa skond l-Artikolu 2 tal-Kodici Kriminali reati jitqassmu f'delitti kif ukoll f'kontravvenzjonijiet. Jidher li skond l-appellant, il-kelma reat tfisser biss delitt. Dan mhux il-kaz ghaliex reat jista' jkun kemm delitt kif ukoll kontravvenzjoni. It-tnejn li huma jissejjhu reat, bid-delitt ikun reat aktar gravi mir-reat kontravvenzjonali. Ghalhekk, dan l-aggravju ta' l-appellant assolutament ma jreggiex.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tichad l-appell ta' Peter Paul Sheehan u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

Aldo Testone
Deputat Registratur